MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2458/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**Con Caval Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' erbgha u hamsin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm54.22) rappresentanti in kwantu ghal Lm47.15 Royalty dovut bil-quddiem in konnessjoni ma' licenzja numru 011848 (Dokument A anness ma'l-avviz) rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tas-socjeta konvenuta b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li xandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Con Caval"

gewwa H'Attard u Lm7.07 Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu mis-6 ta' Novembru 2002 sal-5 ta' Novembru 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali datata 31 ta' Jannar 2003 kif ukoll ta'l-ittra ufficjali datata 13 ta' Mejju 2003 u bl-imghax kummercjali mid-data ta'l-iskadenza relattiva sal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici nomine sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-6 ta' Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' erbgha u hamsin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm54.22), bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Novembru 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-13 ta' Mejju 2003 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------